TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/373/11/S

Rosita Pace
Vs
Amadeo Zammit

Illum 28 ta'Gunju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rosita Pace datata 29 ta'Awwissu,2011 filwaqt li Amadeo Zammit, ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma pprezentax risposta u lanqas deher ghas-seduta tal-24 ta'Mejju,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz il-libsa in kwistjoni, sema' lill-attrici u t-trattazzjoni taghha maghmula fl-24 ta'Mejju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda libsa li qatt ma ntlibset mill-attrici u li ma kinitx a sodisfazzjon tal-attrici wara li saru xi alterazzjonijiet fuq din il-libsa mill-konvenut;

Illi jinghad mal-ewwel li l-konvenut Amadeo Zammit naqas milli jwiegeb ghat-talba ta' Rosita Pace u lanqas deher ghas-seduta tal-24 ta'Mejju,2012;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Rosita Pace li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-konvenut;

Illi l-attrici xehdet illi marret tipprova l-libsa xi sitt darbiet wara li kienu saru alterazzjonijiet fuq l-istess libsa u fl-ebda okkazjoni, ma kien sar xoghol sew;

Illi fl-ahhar okkazjoni, l-attrici xehdet illi hadet lil huha li ghandu esperjenza fil-hjata, li ukoll ikkonferma bil-gurament tieghu li l-alterazzjonijiet ma sarux skont is-sengha;

Illi x-xhieda mismugha mit-Tribunal u l-provi li tressqu, jikkonfermaw dak li qed titlob l-attrici u cioe li tiehu flusha lura ta'libsa li qatt ma ntlibset u li qatt ma harget mill-hanut tal-konvenut;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888